MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 695/2008/1

**Emanuel sive Eman Beck**

**v.**

**Maria Rita sive Marita Beck**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-attur ressaq fil-11 ta' Lulju, 2008, u li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrent huwa proprjetarju tal-fond "Edelweiss", 54, Carini Street, Santa Venera, li gie assenjat lilu in forza ta' kuntratt ta' divizjoni tat-18 ta' Lulju 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, wara li kien gie mholli lilu u lil ohtu min-nanna tieghu Mary Beck bhala eredi universali taghha in forza ta' testment taghha tat-23 ta' Gunju 1978 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, u dan wara li hija kienet xtrat u akkwistat l-istess fond b'kuntratt pubbliku tat-18 ta' Marzu 1978 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella minghand Reverendu Fr. Frank Lewis.

"2. Illi r-rikorrent Emanuel Beck u l-intimata Marita Beck ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u difatti hemm pendenti kawza ta' separazzjoni fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Citazzjoni Numru 227/2007 JA fl-ismijiet "*Marita Beck proprio et nomine vs. Emanuel Beck*" li tinsab differita ghat-3 ta' Ottubru 2008.

"3. Illi mhux proponibbli legalment illi l-konvenuta, li m'ghandha l-ebda titolu validu fil-ligi, tibqa' tghix fil-fond in kwistjoni b'mera tolleranza, filwaqt li hu bhala l-proprjetarju tal-istess fond jigi mcahhad mill-pussess, tgawdija pacifika, u kontroll tal-fond, liema possediment jappartjenu esklussivament lilu.

"4. Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lill-konvenuta Maria Rita sive Marita Beck sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss tizgombra mill-fond tal-attur "Edelweiss", 54, Carini Street, Santa Venera, li hi qed tokkkupa b'mera tolleranza, cioe` minghajr ebda titolu validu fil-ligi."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet li:

"1. Illi in forza ta' digriet datat 13 ta' Lulju 2007 moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja, hawn anness u mmarkat Dok. A, l-esponenti u z-zewg uliedha l-minuri inghataw id-dritt esklussiv illi ad eskluzjoni tal-attur jibqghu jabitaw fid-dar matrimonjali *pendente lite* u dan a tenur tal-

Artikolu 37 (1) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema digriet jista' biss jigi rivedut mibdul jew revokat mill-istess Qorti u dan a tenur tal-Artikolu 37 (7) tal-Kap. 16.

"2. Illi m'huwiex minnu illi l-konvenuta ma ghandha l-ebda titolu validu fil-ligi tenut kont illi l-fond 54, Triq Carini, Santa Venera, hija d-dar konjugali tal-kontendenti."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju, 2010, li in forza taghha cahdet it-talba attrici billi m'hijiex misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawża għal żgumbrament minn dar taż-żwieġ. L-attur irid li l-imħarrka martu tinħareġ mid-dar li fiha kienu jgħixu flimkien matul iż-żwieġ tagħhom, għaliex jgħid li hija m'għandha l-ebda jedd biex tibqa' toqgħod f'dak il-post li kien tiegħu b'wirt;

"Illi għal din it-talba, l-imħarrka laqgħet billi qalet li hi (flimkien ma' wlied il-partijiet) qiegħda tgħix fid-dar bħala r-residenza tagħha bis-saħħa ta' degriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, wara li ngħata ordni biex l-attur joħroġ mill-istess dar minħabba inċident li kien seħħ lejn l-aħħar ta' Mejju tal-2007. Hija żżid tgħid li degriet bħal dak jista' jitħassar biss mill-istess Qorti li tatu. Hija tgħid li mhux minnu li m'għandha l-ebda titolu għad-dar;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-attur huwa s-sid waħdien tad-dar bl-isem ta' "*Edelweiss*", f'numru 54, Triq Carini, Santa Venera. Huwa kien wiret l-imsemmi post flimkien ma' ġid ieħor, flimkien ma' oħtu, mingħand nanntu[1]. B'kuntratt ta' qasma tal-ġid mirut li sar f'Lulju tal-1990, id-dar messet lill-attur. L-attur u l-imħarrka żżewġu f'Lulju tal-1993, u miż-żwieġ twieldu

[1] Xhieda tal-attur 3.12.2008, f'paġ. 42 tal-proċess

żewġt itfal – il-kbira, Claudia, twieldet fl-1994, u ż-żgħir, Kenneth, twieled fl-1997;

"Illi ż-żwieġ iltaqa' mal-maltemp u l-partijiet tlewmu u kien hemm episodji ta' inċidenti rapportati wkoll lill-Pulizija. F'Mejju tal-2007, l-imħarrka fetħet kawża għall-firda personali. Jumejn wara nqala' inċident vjolenti u l-partijiet ressqu talbiet b'rikorsi separati quddiem il-Qorti kompetenti[2], fost l-oħrajn, biex dik il-Qorti tqis jekk hux għaqli li tordna lil xi parti biex toħroġ mid-dar. B'degriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2007, dik il-Qorti tat degriet[3] li bih ordnat li l-imħarrka u wliedha (li tagħhom ingħatat ukoll il-kura u l-kustodja *pendente lite*) jgħixu fid-dar taż-żwieġ u li l-attur joħroġ mill-istess;

"Illi l-attur qagħad għad-degriet u ħareġ mid-dar u mar jgħix ġo appartament ta' missieru li jinsab ukoll f'Santa Venera. Fil-11 ta' Lulju, 2008, l-attur fetaħ din il-kawża;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jinstiltu mill-azzjoni attriċi jduru l-aktar mal-istħarriġ tan-natura tad-degriet li bis-saħħa tiegħu l-imħarrka qiegħda tokkupa d-dar mertu tal-kawża. Dan l-istħarriġ huwa ta' siwi ewlieni kemm għaliex din il-kawża tmiss kwestjoni ta' kompetenza, u kif ukoll għaliex huwa meħtieġ biex wieħed jagħraf il-jedd li bih l-attur jippretendi li jieħu l-post lura f'idejh;

"Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-mod u t-titolu li d-dar ġiet f'idejn l-attur. Ma hemm l-ebda dubju li huwa s-sid waħdien tal-imsemmija dar u li dak it-titolu kien tiegħu sa minn qabel ma żżewweġ lill-imħarrka. Id-dar hija ġid parafernali tal-attur. L-imħarrka wkoll tistqarr dan il-fatt[4] u ttenni l-fehma tagħha wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[5];

"Illi, madankollu, il-ħolqien tar-rabta taż-żwieġ u l-għażla ħielsa tal-partijiet li jagħmlu dik id-dar id-dar taż-żwieġ, nisslu tabilfors qagħda li laqtet ukoll lill-istess dar u t-titolu għaliha. Għalkemm ma sar l-ebda trasferiment formali tat-titolu jew ta' xi biċċa minnu fuq dik id-dar, bis-saħħa tal-liġi, l-istat ta' dik id-dar bħala d-dar taż-żwieġ mar lil hinn mir-rieda waħdanija ta' sidha, hu min hu[6]. Iż-żwieġ welled xirka (*foedus matrimonialis*) li s-somma ta' jeddijiet u

[2] Dok "A", f'paġġ. 12 sa 25 tal-proċess
[3] Paġ. 17 tal-proċess
[4] Xhieda tagħha 20.5.2008, f'paġ. 73 tal-proċess
[5] § 4 f'paġ. 86 tal-proċess
[6] Ara, f'dan ir-rigward, l-artt. 3A u 6A tal-Kap 16

responsabbiltajiet tagħha jisbqu s-somma tal-jeddijiet u responsabbiltajiet individwali taż-żewġ persuni li daħlu għaliha. Jista' jkun li llum dawn il-valuri m'għadhom ifissru ftit li xejn għall-attur, minħabba t-tilwim, il-proċess tal-firda li għaddejjin minnu l-partijiet fil-kawża u ċirkostanzi oħrajn li ġraw waqt iż-żwieġ. Iżda dawk l-effetti – li jinħolqu bir-rieda taż-żewġ partijiet – ma jintemmux bir-rieda biss ta' waħda minnhom;

"Illi għal dak li jirrigwarda **s-setgħa ta' din il-Qorti li tqis it-talba**, jrid jingħad li l-attur espressament isejjes l-azzjoni tiegħu fuq tliet raġunijiet. Huwa jgħid li t-talba tiegħu għat-tneħħija ta' martu mid-dar taż-żwieġ hija tajba għaliex (i) waqgħet il-bażi tad-degriet li bis-saħħa tiegħu hu nħareġ minn dik id-dar; (ii) għaliex id-degriet m'huwiex sentenza u ma joħloqx ġudikat; u (iii) għaliex id-dar hija ġid parafernali tiegħu u l-fatt li kienet id-dar taż-żwieġ m'għandux iservi biex iżommu milli jista' jwettaq il-jeddijiet tiegħu bħala s-sid assolut tal-istess dar;

"Illi safejn l-attur irid li din il-Qorti ssib li d-degriet *pendente lite* tat-13 ta' Lulju, 2007, m'għadux jiswa, dak il-ħsieb tiegħu ma jistax jitwettaq minn din il-Qorti. Għalkemm din il-Qorti tgawdi mill-kompetenza ġenerali dwar kawżi ċivili, hija mogħtija biss kompetenza residwali fejn il-kwestjoni taqa' taħt il-kompetenzi tas-Sezzjoni tal-Familja jew tas-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja[7]. Il-kwestjoni ta' ordni li tagħti lil xi parti fiż-żwieġ il-jedd li tibqa' tgħix fid-dar taż-żwieġ bl-esklużjoni tal-parti l-oħra (imqar jekk dak l-ordni jkun wieħed *pendente lite*) hija waħda li, b'rieda tal-liġi, taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[8];

"Illi huwa stabilit li jeżistu tliet suriet ta' degrieti – dawk li huma definittivi, dawk li huma interlokutorji u dawk li la jaqgħu taħt l-ewwel u lanqas taħt it-tieni kategorija[9]. Jidher li d-degriet mogħti mill-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2007, ma kienx wieħed definittiv, għaliex ma temmx xi kwestjoni kontenzjuża ("*terminat negotium de quo agitur*"), imma kien wieħed interlokutorju ("*non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam*") għaliex kien wieħed *pendente lite* u, minbarra li dak id-degriet innifsu seta' fuq talba ta' xi parti, jinbidel jew jitħassar[10], kien mistenni wkoll li, warajh, isir xi pronunzjament ġudizzjarju definittiv fi ħdan dik l-istess proċedura[11]. Dan ifisser li lill-attur

[7] Ara Reg. 6 tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet ta' l-Qrati Ċivili, 2004
[8] Ara Reg 4(a) *ibid*
[9] App. Ċiv. **10.8.1953** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Baldacchino vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.519**)
[10] Art. 37(7) tal-Kap 16
[11] Ara P.A. **20.4.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Grech*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iii.785**)

ingħata rimedju li jista’ u jmissu jieħu quddiem l-istess Qorti li tat dak id-degriet u mhux quddiem din il-Qorti;

“Illi, b’żieda ma’ dan, jekk wieħed jifli sewwa r-Rikors Maħluf tal-attur (kemm fil-parti tal-premessi u wisq aktar fit-talba) mkien ma jsib imqar l-iċken riferenza għad-degriet minnu impunjat. Dan iġib li l-Qorti trid tqis u taqta’ l-kawża biss fuq it-talba kif imressqa u fuq il-premessi li jsejsu ’l dik it-talba;

“Illi, madankollu, safejn l-azzjoni attriċi hija maħsuba li tordna t-tneħħija tal-imħarrka mid-dar tal-attur fuq il-bażi li hija qiegħda tokkupa dik id-dar mingħajr l-ebda jedd jew titolu li jiswa fil-liġi, din il-Qorti (u mhux il-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja) għandha s-setgħa li tisma’ u tqis talba bħal dik. Dan jingħad għaliex talba formulata f’dawk il-parametri (ukoll jekk waħda magħmula bejn żewġ partijiet miżżewġin lil xulxin) toħroġ ’il barra mill-kompetenza stretta tal-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja[12];

“Illi għalhekk, il-Qorti sejra tqis u tistħarreġ it-talba tal-attur biss safejn dan jallega li martu l-imħarrka qiegħda żżomm id-dar bla ebda jedd;

“Illi għal dak li jirrigwarda **l-kwestjoni tat-titolu għad-dar**, wieħed jagħmel sewwa jagħraf bejn il-jedd fil-ħaġa nnifisha u l-jedd tat-tgawdija tagħha. Kif ingħad aktar qabel, lanqas l-imħarrka ma tlum il-fatt li l-attur żewġha huwa s-sid tad-dar fejn qiegħda tgħix. Madankollu, l-imħarrka tiċħad li hija tinsab iżżomm id-dar mingħajr titolu, kif jallega l-attur. Il-Qorti tqis li l-imħarrka qiegħda tgħid sewwa;

“Illi l-imħarrka tħalliet tibqa’ tgħix fid-dar taż-żwieġ bis-saħħa ta’ degriet li ngħata wara li l-Qorti li tatu wiżnet iċ-ċirkostanzi li tressqu quddiemha u wara li semgħet x’kellhom jgħidulha l-partijiet. Dak id-degriet huwa wieħed *interim* u jiddependi fuq il-kawża tal-firda personali li hija miexja quddiem il-Qorti li tat l-istess degriet. Dak id-degriet ma jneħħi l-ebda jedd patrimonjali tal-attur fuq ħwejġu, imma jirregola biss il-mod kif dak il-ġid jintuża (bit-tgawdija tiegħu) u minn min. Fil-fehma tal-Qorti, l-imsemmi degriet ifittex biss li jirregola (x’aktarx għal żmien limitat) x’użu jsir minn ħaġa u dan fid-dawl ta’ ħtieġa rilevanti u għan leġittimu dwar għixien xieraq għal persuni rigward akkomodazzjoni

[12] Ara, per eżempju, App. Inf. **10.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Caruana vs Emanuel Micallef***

tagħhom u b'ħarsien għal saħħithom u 'l bogħod mill-periklu tal-vjolenza taħt saqaf darhom;

"Illi fuq kollox, b'rieda tal-liġi nnifisha[13], dak id-degriet jagħti titolu eżekutiv bħalma jagħtu d-degrieti msemmijin fl-artikolu 253(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ifisser, għalhekk, li sakemm l-istess degriet jibqa' ma jinbidilx jew sakemm ma jitħassarx, l-imħarrka tgawdi tassew minn titolu fuq id-dar in kwestjoni u li dak it-titolu tista' teżegwih bħalma jkun eżegwit kull titolu eżekuttiv ieħor[14];

"Illi l-attur jisħaq ħafna fuq il-fatt li d-degriet in kwestjoni huwa "sempliċi digriet '*ad interim*'" u għalhekk ma jorbotx idejn din il-Qorti lanqas biex "tikkonċedi omaġġ lill-Onorabbli Qorti tal-Familja". Il-Qorti ssib li din l-istedina tal-attur tinjora ċerti aspetti fundamentali. Fl-ewwel lok, din il-Qorti diġa' fissret il-fehma tagħha li m'hijiex fis-setgħa tagħha li tiddelibera u tqis jekk kemm-il darba r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja biex tagħti d-degriet tagħha kinux jiswew jew għadhomx jiswew. Anqas u anqas ma għandha s-setgħa li tħassar hi dak id-degriet. Fit-tieni lok, minkejja li d-degriet huwa wieħed interlokutorju u *pendente lite*, jagħti titolu li jibqa' jgħodd sakemm l-istess digriet ma jitwaqqax jew sakemm ma jitħassarx. Fit-tielet lok, l-effetti ta' degriet bħal dak ma jolqtux biss lil min ibbenefika mill-provvediment, iżda wkoll minn min kien marbut li jħarsu;

"Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq it-tneħħija tal-imħarrka mill-post għaliex m'għandha l-ebda titolu għalih. Fis-sewwa, l-attur jgħid li l-imħarrka qiegħda żżomm id-dar tiegħu b'mera tolleranza. Ġeneralment, meta jingħad li persuna jmissha tinħareġ minn post għaliex tkun qiegħda żżommu mingħajr jedd jew titolu, wieħed jifhem li tali okkupazzjoni, **sa mill-bidu nett tagħha**, ma kinitx konsentita, jew għaliex tkun twettqet mingħajr ir-rieda ta' sid il-post li jkun, jew għaliex tkun ittieħdet b'mod abbużiv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-moħbi tas-sid, liema illegalita' tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawża. F'każ bħal dan, is-setgħa tal-qorti biex tisma' kawża bħal din tieqaf malli jirriżulta li l-imħarrek kellu tassew xi titolu fuqhiex iserraħ il-każ tiegħu[15]. Iżda l-prinċipji hawn fuq imsemmija kellhom jinftehmu f'sens limitat. Jiġifieri, l-qorti hija msejħa li tistħarreġ u tistabilixxi l-eżistenza ta' titolu tal-parti mħarrka **fil-konfront tal-parti attriċi** li trid tiżgumbraha. Ma huwiex biżżejjed, allura, li l-parti mħarrka tipprova li qegħda żżomm fond bis-saħħa ta' xi relazzjoni ġuridika leġittima, hi x'inhi fil-konfront ta' xiħadd, hu min hu: il-parti mħarrka

[13] Art. 37(4) tal-Kap 16
[14] Ara, per eżempju, Maġ. (Għ) Sup AE **3.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Schembri vs Anġolina Schembri et*** (konfermata f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Appell fl-**10.11.2008**)
[15] App. Inf. **2.8.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grima et vs Emanuel Frendo*** (mhix pubblikata)

trid tipprova l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika li tagħtiha titolu fil-konfront tal-parti attriċi[16];

"Illi fejn attur jitlob it-tneħħija tal-parti mħarrka minn post fuq il-bażi li din tkun qegħda iżżomm dak il-post bla ebda titolu, jaqa' fuq l-attur il-piż li jipprova dak li jallega. Dan ifisser li, f'kawża mibnija fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' titolu, r-regola hija xorta waħda li l-piż jaqa' fuq min qiegħed jallega n-nuqqas ta' titolu skond ir-regola ġenerali tal-proċedura[17]. Iżda mbagħad hemm xi fatturi li jistgħu jxaqilbu dak il-piż[18]. Tqum ukoll il-kwestjoni dwar jekk l-attur jistax ikun mistenni li jipprova fatt negattiv jew non-fatt, u dan skond ir-regola "*negativa non sunt probanda*";

"Illi fil-każ li l-Qorti llum għandha quddiemha, ħareġ li l-imħarrka tistrieħ fuq is-saħħa tad-degriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2007, u l-effetti legali li dak id-degriet ġab miegħu. L-effetti legali ta' degriet bħal dak huma l-ħolqien ta' rapport ġuridiku bejn il-parti li tingħata l-jedd li tibqa' tgħix fid-dar taż-żwieġ u l-parti l-oħra fiż-żwieġ li tingħata l-ordni li titlaq 'il barra. Minbarra dan, sakemm ma jkunx hemm tħassir tad-degriet, il-parti li titħalla tibqa' tgħix fid-dar taż-żwieġ jingħatalha jedd li jista' jixxebbah mal-jedd (reali) ta' abitazzjoni[19]; jedd li jitgawda fil-limiti stretti tal-kundizzjonijiet li jkunu magħmulin fid-degriet li jkun, ukoll jekk dan ikun wieħed *ad interim*. Din il-Qorti tislet tagħlim ġurisprudenzjali dwar l-assenjazzjoni tad-dar taż-żwieġ li juri sewwa (għalkemm f'ċirkostanzi mhux għal kollox l-istess bħal dak li għandha quddiemha llum) dawn l-effetti. Kemm hu hekk jingħad li "*L'assegnazione della casa familiare ad uno dei coniugi, cui l'immobile non appartenga in via esclusiva, instaura un vincolo (opponibile anche ai terzi) che oggettivamente comporta una decurtazione del valore della proprieta`, totalitaria o parziaria, di cui e` titolare l'altro coniuge, il quale da quel vincolo rimane astretto, come i suoi aventi causa, fino a quando il provvedimento non venga eventualmente modificato*"[20];

"Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li l-imħarrka tista' tassew tgħid li, fil-qagħda attwali, hija tgawdi jedd fuq id-dar taż-żwieġ li hija tista' topponi kontra żewġha l-attur minkejja l-jeddijiet patrimonjali tiegħu (mhux kontestati) fuq dik l-istess dar. Dan huwa, fuq kollox, jedd li jmieri l-pretensjoni tal-attur li martu qiegħda żżomm dik id-dar mingħajr titolu;

[16] App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Galea et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.171**)
[17] Art. 562 tal-Kap 12
[18] App. Inf. **27.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Ħili*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.577**)
[19] Art. 393 tal-Kap 16
[20] Cass. Civ. **15.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Bertoni c. Moroni*** (Nru. 20319)

> "Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra ssib li l-eċċezzjonijiet tal-imħarrka huma mistħoqqa u li t-talba attriċi ma tistax tintlaqa';"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tilqa' dan l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha u tichad l-appell tal-appellant, bl-ispejjez ghall-attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, il-partijiet huma mizzewgin, izda ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Il-Qorti tal-Familja diga` ippronunzjat ruhha fir-rigward billi

ddikkjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, pero`, tressaq appell li ghadu pendenti quddiem din il-Qorti. Fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja, il-konvenuta allegat li kienet vitma ta' vjolenza min-naha ta' zewgha, u talbet provvediment opportun ghall-protezzjoni taghha. Il-Qorti tal-Familja, b'digriet tat-13 ta' Lulju, 2007, ordnat "*li l-attrici jkollha dritt tabita fid-dar konjugali mat-tfal tal-kontendenti esklussivament u li l-konvenut jivvaka l-istess dar*". L-attur (konvenut fil-proceduri ta' separazzjoni) hareg mid-dar matrimonjali – liema dar hija proprjeta` parafernali tieghu – u fetah dawn il-proceduri fejn qed jallega li martu qeghda fil-fond "*minghajr ebda titolu validu fil-ligi*" u qed jitlob l-izgombrament taghha mill-istess fond.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-attur wara li qieset li t-titolu tal-mara johrog mid-digriet tal-Qorti kompetenti, digriet li jaghti titolu ezekuttiv lill-mara fit-termini tal-Artikolu 253(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-attur appella mis-sentenza pero` din il-Qorti tqis l-appell tieghu, kwazi kwazi, fieragh u zgur ma jimmeritax li jigi milqugh. L-attur qed jghid li hu mhux qed jitlob biex id-digriet jigi varjat, imbiddel jew modifikat, izda xorta wahda qed jistieden lil din il-Qorti "*tinjora jew tiskarta d-digriet*"! Din haga li ebda Qorti ma tista' taghmel. Dak id-digriet ghadu veljanti u din il-Qorti, f'dawn il-proceduri, ma tistax tinjorah. Hija l-Qorti kompetenti li qed tisma' l-kawza ta'

separazzjoni li tista' timmodifikah, pero`, sakemm dan ma jsirx, jibqa' jghodd u jrid jigi onorat.

Kif qalet l-ewwel Qorti, bid-digriet imsemmi, l-Qorti tal-Familja bl-ebda mod ma ppregudikat il-jedd patrimonjali li jgawdi l-attur fuq il-fond in kwistjoni, izda, bis-sahha tal-poteri li taghtiha l-ligi, ipprovdiet biss ghall-mod kif dik il-proprjeta` tintuza u minn min, u dan sakemm tigi deciza definittivament il-kawza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti. Dak id-digriet inhareg fl-interess tal-harsien tal-inkolumita` tal-mara.

Gia` fil-kawza **Cacopardo v. Cacopardo**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Pr. Imh. M. Caruana Curran) fit-12 ta' Mejju, 1966, intqal li anke fl-assenza ta' provvediment opportun fil-ligi, il-Qorti li tkun qed tisma' kawza ta' separazzjoni personali bejn koppja, kellha l-poter, *pendente lite*, tordna s-separazzjoni interinali tal-partijiet u dan meta l-gudikant kien konvint li jkun hemm perikolu ghall-hajja jew ghas-sahha ta' xi wiehed minnhom. Dan indipendentement mit-titolu fuq id-dar matrimonjali. Dik il-Qorti dahlet fid-dettal fuq il-materja, bi studju anke ta' awturi esteri, u kkonkludiet li ghandha kompetenza tiddeciedi min mill-kontendenti ghandu dritt jibqa' fid-dar konjugali waqt il-pendenza tal-kawza. Din il-kompetenza inghatat lill-Qorti *expresis verbis* wara l-emendi li saru lill-Kodici Civili fid-disghinijiet, u bl-ebda mod ma jista' jigi argumentat li, nonostante ordni simili, ir-ragel jista' jkecci lil martu mill-fond matrimonjali.

Dan id-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja huwa titolu li jaghti d-dritt lill-mara biex tkompli tabita fid-dar taz-zwieg u hu wiehed mit-titoli ezekuttivi elenkati fl-Artikolu 253(a) imsemmi, li fih innifsu huwa titolu fuq id-dar in kwistjoni. Kwindi, ma jistax jinghad li l-mara qed tokkupa l-fond bla titolu li jiswa fil-ligi.

L-attur enfasizza l-fatt li meta tressaq quddiem Qorti b'kompetenza kriminali akkuzat li sawwat lil martu hu gie liberat. Il-fatt, pero`, li gie liberat ma jfissirx li ma wettaqx agir li, ghalkemm ma jikkwalifikax bhala reat kriminali, seta' jhasseb lill-Qorti tal-Familja dwar sahhet il-mara. Inoltre, Qorti b'kompetenza kriminali hi marbuta bi grad gholi ta' prova biex issib htijja u sentenza liberatorja ma tifssirx li l-Qorti tal-Familja ma setghetx tkun konvinta, fuq bazi ta' probbabbilita`, li r-ragel huwa verament ta' periklu ghal martu.

Id-digriet in kwistjoni ghadu veljanti, u l-attur ma jistax jinjora l-ezistenza tieghu. Il-fond in kwistjoni kien u ghadu proprjeta` tal-attur, pero`, darba li ntuza bhala dar matrimonjali huwa soggett ghall-kontroll tal-Qorti dwar l-uzu tieghu, u l-ilmenti fir-rigward tal-attur huma, ghalhekk, bla bazi. (ara, bhala rifless fuq dan, is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali fit-23 ta' Ottubru, 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro v. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et**.

Fid-dawl tal-premess tqis ir-rikors tal-attur tat-3 ta’ Novembru, 2014, bhala irrilevanti ghall-fini ta’ din il-kawza, u qed tichad it-talbiet hemm kontenuti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Emanuel sive Eman Beck billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess attur appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------